## QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-12 ta' Lulju 2002**

**Kawza numru 19**
**Citazzjoni numru 704/2002**

**Zrar Limited**

**vs**

**Pilastri Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' tnax-il elf mija u hdax-il lira Maltin u seba' u ghoxrin centezmu (Lm12,511.27), flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data dan id-dejn gie dovut, rapprezentanti l-prezz ta' materjal mibjugh u kkonsenjat lilha mis-socjeta attrici fuq inkarigu taghha stess;

Illi ghalkemm debitament interpellata sabiex thallas dan l-ammont, s-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallset xejn;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta attrici, s-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba tal-istess socjeta attrici;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, dispensat is-smiegh tal-kawza skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu l67 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta u in vista tal-affidavit guramentat hawn anness u mmarkat bhala Dok. A :-

1) Tiddeciedi l-kawza skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegh;

2) Tiddikkjara illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' tnax-il elf hames mija u hdax-il Lira Maltin u seba' u ghoxrin centezmu (Lm12,511.27), flimkien mal-imghaxijeit legli mid-data dan id-dejn gie dovut, rapprezentanti l-prezz ta' materjal mibjugh u kkonsenjat lilha mis-socjeta attrici fuq inkarigu taghha stess;

3) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' tnax-il elf hames mija u hdax-il lira Maltin u seba' u ghoxrin centezmu (Lm12,511.27), flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data dan id-dejn gie dovut, rapprezentanti l-prezz ta' materjal mibjugh ukkonsenjat lilha mis-socjeta attrici fuq inkarigu taghha stess;

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata April, 2002, u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-affidavit tar-rappresentant tas-socjeta attrici;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Lulju 2002;

In vista tal-kontenut tal-imsemmi verbal tas-seduta tat-12 ta' Lulju 2002 u in vista tal-provedimenti tal-artikoli 167 et seq. tal-Kapitolu 12;

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici bl-imghaxxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.